**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (20)



Id-Dgħajsa tal-Midalji tal-Isla tidher quddiem id-dgħajjes tal-Marsa u l-Birgu fl-1952

L-intervista tal-lum se tlaqqagħna ma' Kieli Degiorgio - eks-president tal-Kumitat tar-Regatta, ex-membru ta' l-Assoċjazzjoni tar-Regatta u Qdif ieħor u wieħed minn ġemgħa ta' ħabrieka Sengleani li wara l-gwerra organizzaw mill-ġdid id-distrett tal-Isla.

Din l-intervista nista' ngħid li saret biċċa biċċa, fi żminijiet differenti għaliex kull darba li kont niltaqa' miegħu, dejjem konna nitkellmu fuq aspetti differenti, iżda b'xi mod jew ieħor kliemna finalment kien jaqa' dwar is-sehem tiegħu fir-Regatta Nazzjonali.

Min segwa din is-sensiela ta' intervisti, naħseb osserva li Kieli l-Favett jissemma' kemm id-darba għaliex barra li ta sehem kbir lill-Isla fit-Tiġrija tal-Vitorja, kien ukoll wieħed mill-pijunieri ta' l-Assoċjazzjoni tar-Regatta, flimkien ma' Matty Grima, Anton Cassar, Nazju Grima u oħrajn.

Mill-intervista ta' Kieli Degiorgio se nislet ftit siltiet fejn huwa jitkellemu dwar is-sehem tiegħu u tal-Isla fir-Regatta Nazzjonali. Meta staqsejt lil Kieli jekk jiftakarx tajjeb it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra, ħares lejja, u wara pawsa qasira rrispondini hekk:

"... dażgur li niftakar, u jien ħadt sehem fihom ... niftakar li l-Isla ta' kull sena kienet tkun armata tajjeb f'kull tiġrija, u li dejjem tat sfida qawwija lil Bormla u lil Birgu fis-snin 20 u 30, meta dawn iż-żewġ distretti kienu fl-aqwa tagħhom ... niftakar ukoll li qabel il-gwerra, kont għandi tfal ħadt sehem ma' zijieti fil-Ferilli.

Iz-zijiet tiegħi kienu dilettanti tad-dgħajjes, u peress f'dawk iż-żminijiet ma kienx hemm kumitati bħal-lum, huma kienu jieħdu ħsieb jorganizzaw id-dgħajjes kollha tal-Isla u jieħdu ħsieb il-preparamenti tagħhom għat-tiġrija.

"Jien kont inġerri fil-Ferilli, fiż-żmien meta tagħna kienu jġerru weħidhom - korsa li wara l-gwerra ppruvajna nerġgħu nagħtuha l-ħajja mill-ġdid, iżda sfortunatament ma sibniex koperazzjoni mid-distretti l-oħra.

"Fis-snin 30 aħna bdejna nissaħħu ... kien żmien meta Bormla kienet fl-aqwa tagħha, u kien hemm xi sena fejn kienet rebħet il-paljijiet kollha ... l-uniku distrett li kien jisfidahom fl-opri l-kbar f'dik l-epoka kien il-Birgu, li kien armat tajjeb fl-opri l-kbar, speċjalment fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa ... u meta qed issemmi lil Birgu, wieħed ma jridx jinsa jgħid li kienu l-qaddiefa tal-Birgu, li fil-korsa ta' Bl-Erbgħa kienu waqfu lid-dgħajsa 101 ta' Marsamxett, li kienet tirbaħ kull sena ... ħadd ma kien jissemma' dak iż-żmien ħlief Marsamxett ... imbagħad daħlet Bormla, - lil dawn ħadd ma kien jirbħilhom, issemmi lil ħadd - huma kienu l-aħjar, iżda kif għedtlek, qabel Bormla u l-Birgu kien hemm Marsamxett.

"Rigward l-Isla, kif għedt -lek, aħna konna armati tajjeb, tant hu hekk li ġieli ħadna sehem bi tliet dgħajjes tal-Midalji, bi tliet Ferilli u b'numru ta' Kajjikki twal ... il-Kajjikki żgħar, dawk li jissejħu tal-kopp, aħna konna nġibuhom minn Marsaxlokk, iżda Bormla kellhom bil-gzuz minnhom ...

*Semmejtli l-Kajjikki ... tiftakar f'xi inċident partikolari li int kont involut fih?*

"Iva ... kif għedtlek, aħna konna tajbin ħafna f'din il-korsa u konna ppikati ħafna mal-ġirien tagħna ... imma din il-pika kienet biss fit-tiġrija u xejn aktar ... jien niftakar każ fejn fih jidher ċar l-irġulija li kienet tispikka fost il-qaddiefa rivali ... mela, biex ikun ġust fi kliemi, Bormla kienu tajbin daqsna, bejna u bejnhom ma kienx hemm differenza - niftakar, kelli xi 14-il sena jew ftit aktar, meta l-Kajjikk tagħha daħal ras imb'ras ma' dak ta' Bormla – illum ngħidu Photot Finish, iżda aħna konna għaddejnihom bi ftit – niftakar li l-poppier tagħna kien ċertu Karmenu li kienu jgħidulu l-Nikta ... dak iż-żmien il-paljijiet kienu jittieħdu minn fuq il-lanċa, u tlajt jien għall-palju peress li dħalna l-ewwel, iżda wara ftit reġgħu sejħuli, ħaduli l-palju u tawni ieħor, imbagħad sejħu lil ta' Bormla u tawh lilhom ...iżda dan il-qaddief instema' jgħid - dan il-palju mhux tana, u qabad il-palju u tefgħu fil-Kajjik tagħna ... dik irġulija!!! ...

*Allura f'dak iż-żmien id-distrett ta' Marsamxett ma kienx armat tajjeb?*

"Fis-snin 30, id-distrett ta' Marsamxett ħa daqqa lura ... kien jarma kull opra, iżda mhux daqsna .... kif għedtlek, Marsamxett kien tajjeb fis-snin 20 u qabel, u bejna u bejnhom kien hemm rivalitá kbira fil-Ferilli ... fis-snin 30, Marsamxett kompla jiddgħajjef, iżda aħna l-kuntrajru, bl-ekwipaġġi li kellna komplejna nissaħħu b'tali mod, li fl-aħħar sentejn ta' qabel il-gwerra konna digá qegħdin niddominaw il-korsa ta' bl-Erbgħa ... il-gwerra waqqfet ir-Regatta, iżda meta reġgħet bdiet fl-1951, aħna komplejna b'dominanza assoluta tista' tgħid f'kull tiġrija ...."

*Kiel, int qed tgħidli li wara l-gwerra l-Isla bdiet tiddomina kull Regatta. Iżda huwa fatt magħruf li fis-snin 50 ma kinux jieħdu sehem id-distretti kollha ... l-Isla kienet fortunata li salvat xi opri tat-tġrija, waqt li distretti l-oħra tilfu tagħhom fil-gwerra. Għidli, kif irnexxielkom torganizzaw mill-ġdid id-distrett u għaliex intom issemmu s-snin 50 bħala snin ta' glorja għall-Isla, meta inti taf li l-parteċipazzjoni tad-distretti fir-Regatta Nazzjonali kienet waħda fqira meta tippargunaha mat-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra?*

"Veru li aħna salvajna xi opri waqt li distretti oħra tilfu kollox, iżda tinsiex li fl-ewwel edizzjonijiet tar-Regatta wara l-Gwerra aħna ma ħadniex sehem weħidna Magħna kienu ħadu sehem sħiħ il-Marsa u l-Birgu, kif ukoll Marsamxett li ppparteċipa f'xi tiġrijiet.

"Mill-1951 sal-1954, fiż-żmien l-Aggregate Cup, ir-Regatta kienet issir fuq bażi individwali. Wara li ġiet introdotta x-Shield, id-distrett l-oħra, tal-Kalkara, Bormla u aktar tard Marsamxett organizzaw id-distrett mill-ġdid u bdew jieħdu sehem f'kull tiġrija tar-Regatta Nazzjonali.

"Iżda ejja għal mument ninsew id-distretti l-oħra u nitkellemu fejn tidħol Isla... wara l-Gwerra aħna konna armati tajjeb ... kellna ħafna qaddiefa, u għalkemm ma nistax ngħid li kellna kumitat uffiċjali, aħna tal-Ponta, kif kienu jħobbu jsejħulna ta' fuq il-Vitorja, ħadna ħsieb norganizzaw mill-ġdid id-distrett.

'Hawnhekk tajjeb li insemmi xi wħud mill-ħabrieka li taw sehmhom, fosthom liz-ziju tiegħi Ġużeppi Formosa (In-Niger) li ħadem u stinka kemm felaħ biex it-tiġrija terġa' tibda ssir wara l-gwerra, u saħansitra kien hu li kien ifittex lill-qaddiefa biex jinżlu jaqdfu, Salvu Mizzi (il-Pajsu) li għalih it-tiġrija kienet l-akbar festa, Ġużeppi Formosa (is-Suss) li kien imgħallem tal-opri talbaħar u ħadem ħafna fil-manutenzzjoni tad-dgħajjes li kellna biex l-Isla terġa' tieħu sehem f'kull korsa, Gustu Cachia (Battajola) li għalih l-Isla kienet kollox u kien jaf jorganizza, is-surmast Ċensu Borg, Pawlu Gaffarena ( Gidoni), Salvu Grech u f'ħafna oħrajn li lkoll xtaqu li l-Isla turi qawwietha fit-Tiġrija tal-Vitorja - li aħna s-Sengleani minn dejjem qisniha li hi tagħna."

*(Ikompli f'ħarġa oħra)*